C/2024/7488

17.12.2024

Avviż għall-attenzjoni ta' persuna u entità soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2014/145 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

(C/2024/7488)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni ta' Artem Pavlovich MARCHEVSKYI (1753) u VOICE OF EUROPE S.R. O. (426), persuna u entità inklużi fil-lista li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK ([1]) kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2456 ([2]), u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2455 ([4]), dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

Il-Kunsill jipprevedi li jinkludi l-persuna u l-entità msemmija hawn fuq fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 ([5]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2642 ([6]) dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja.

Il-persuna u l-entità ikkonċernati huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu abbozz ta' dikjarazzjoni tar-raġunijiet, **qabel l-4 ta' Jannar 2025**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1 Global and Horizontal Affairs
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.
([2]) ĠU L, 2024/2456, 13.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2456/oj.
([3]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.
([4]) ĠU L, 2024/2455, 13.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2455/oj.
([5]) ĠU L, 2024/2643, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2643/oj.
([6]) ĠU L, 2024/2642, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2642/oj.